TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 689

KAZ NRU. 850

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joanne vella

u

Chemimart Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 26 ta' Frar 1996

CHAIRMAN : IS-SUR GEORGE BORG CARDONA

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 20 ta' Gunju 1994 b'referenza ME/2/94/30 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hames seduti. Joanne Vella, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant" kienet assistita mill-Avukat Joseph P. Bonello LL.D. u l-Chemimart Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mic-Chief Executive, is-Sur Reginald Fava, assistit mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

Fl-"istatement of case" Joanne Vella ikkontendiet li t-

terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet ngusta ghaliex :

a) hi kienet talbet lis-Sur Fava gurnata leave biex tmur ghall-ezami tas-sewqan izda dan qallha li ma jistax itiha l-gurnata kollha ;

b) meta spiccat mill-ezami tas-sewqan marret lura x-xoghol fejn spiccat fis-1.00 p.m. ;

c) peress li hassa ma tiflahx ma marritx xoghol fl-4.00 p.m. u cemplet lis-Sur Fava biex tinfurmah ;

d) meta t-tabib ghamillha certifikat hi regghet cemplet lis-Sur Fava biex tghidlu l-gurnata li kienet diehla lura ghax-xoghol ;

e) meta dahlet lura s-Sur Fava staqsija x'kellha u hi qaltlu li kienet qieghda thossa ghajjiena u tatu c-certifikat izda hu ma riedux ;

f) hu qallha li ghal ebda raguni ma tista' tiehu "sick leave".

Fl-"istatement of case" taghha l-Kumpanija ssostni li l-incident li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg sehh fil-gimgha bejn it-28 ta' Marzu u it-2 ta' April u kien jiggustifika t-tkeccija ghaliex :

a) l-appellant talbet lis-Sur Fava jumejn leave u dan wegibha li ma kienx possibli minhabba li dik il-gimgha kien hemm festa (31 Marzu) ;

b) meta t-talba ma gietx milqugha l-appellant ma qalet xejn izda xorta wahda, bla ebda avviz, naqset li tidhol ghax-xoghol ghal tlett ijiem ;

c) meta dahlet lura ghax-xoghol qalet lis-Sur Fava li ma

kienetx attendiet ghaliex kellha naghas kbir fuqha u kellha certifikat f'dan is-sens ;

d) is-Sur Fava wiegeb li ma kienx preparat li jaccetta bhala raguni valida li kienet b'inghas specjalment meta c-certifikat kien qed jigi prezentat gimgha bir-retard.

Hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar in-numru ta' granet leave mitluba mill-appellant u id-data meta hadet tlett sighat leave biex tmur ghall-ezami tas-sewqan. It-Tribunal stabbilixxa li l-ezami tas-sewqan sar fit-28 ta' Marzu u hu tal-fehma li d-data li hemm fuq id-dokument RF I ghandha tinqara bhala 28 u mhux 23 ta Marzu 1994. L-appellant tghid li talbet gurnata leave ghall-ezami tas-sewqan waqt li l-Kumpanija tikkontendi li l-appellant talbet jumejn minghajr ma inghatat ebda raguni ghaliex din ma ntalbitx.

Mix-xhieda u minn dokumenti jirrizulta li :

1. l-appellant talbet xi "vacation leave" (hi tghid gurnata u l-Kumpanija tghid jumejn) u l-Kumpanija qaltilha li ma setghetx tatihula ;

2. l-appellant hadet "sick leave" fil-perijodu li ghalih kienet talbet "vacation leave" u ma giex approvat ;

3. meta rritornat ghax-xoghol giet mistoqsija mis-Sur Fava ghaliex ma' attendietx u skond hi qaltlu ghax "_ _ kont qieghda nhossni ghajjiena" u skond hu " _ _ ghax kellha naghas kbir fuqha, _ _ " u li kellha certifikat.

4. ic-certifikat juri d-data ta' l-ezami bhala 28 ta' Marzu u d-data li tkun tajba biex tirrezumi x-xoghol bhala 3

ta' April 1994.

It-Tribunal ikkunsidra li :

1. is-Sur Fava u diversi ufficjali tal-Kumpanija xehedu li l-procedura ghat-tehid ta' "sick leave" tirrekjedi li jigi nfurmat is-Sur Fava personalment u li din tigi applikata nvarjabbilment. Jekk is-Sur Fava ma jkunx hemm min ikun cempel jintalab li jerga jcempel aktar tard. Hadd hliefu ma seta'jawtorizza "sick leave".

2. l-appellant fl-"istatement of case" tghid li hassa ma tiflahx fit-28 ta' Marzu wara nofs in-nhar u cemplet lis-Sur Fava biex tinfurmah ("_ _ ghalhekk kont cempiltlu w'infurmajtu _ _"). Tghid ukoll li meta it-tabib kien iccertifikha regghet cemplet lis-Sur Fava ("_ _ _ jiena ergajt cempilt lis-Sur Fava biex nghidlu l-gurnata li fiha jiena kont diehla lura ghax-xoghol;"). Dan jindika li kienet taf bil-htiega li tinforma lis-Sur Fava.

3. Fil-fatt ma jirrezultax li l-appellant cemplet lis-Sur Fava ghaliex :

   a) is-Sur Fava cahad kategorikament li qatt gie nfurmat mill-appellant jew xi hadd iehor f'isimha ;

   b) l-anqas mhu konfermat mix-xhieda ta' omm l-appellant li qalet li hi cemplet biex tavza li t-tifla mhix diehla xoghol u kellmet tfajla li ma kienetx f'pozizzjoni li tidentifika ;

   c) l-anqas mhu konfermat mix-xhieda ta l-appellant stess li qalet "Cemplitli l-mummy li mhiex diehla

ghax-xoghol u hu ma kienx hemmhekk u hallietlu risposta".

4. Kien hemm darba ohra precedenti meta l-appellant ma marretx ghax-xoghol minghajr ma avzat u tat bhala raguni li kien hemm il-wirdien u kienet tibza minnhom. Ghalkemm din la kienet raguni serja u l-anqas kienet tiggustifika li ma tavzax li mihix se tattendi, is-Sur Fava ghamel arrangamenti biex terga tidhol ghax-xoghol f'post iehor.

5. Il-Kumpanija kienet preparata tibghat l-appellant ghal kors ta' studju barra minn Malta biex timxi l-quddiem fix-xoghol taghha.

6. Is-Sur Fava, meta mistoqsi min-National Employment Authority jekk kienx lest jikkonsidra li jerga' jimpjega lill-appellant, wiegeb iva izda hi ma accettatx ghaliex diga kienet sabet xoghol iehor.

7. L-appellant taccetta li meta ritornat ghax-xoghol u kellimha s-Sur Fava "Forsi l-ghazla tal-kliem ma kienetx felici, nammettuha li ma kenitx felici".

8. L-allegazzjoni ta' l-appellant li s-Sur Fava qallha li ghal ebda raguni ma tista' tiehu "sick leave" giet michuda minnu. Jirrizulta li meta l-appellant kienet hadet "sick leave" li ghalih ma kienetx intitolata s-Sur Fava kien ta ordni biex tithallas tieghu.

It-Tibunal jidirlu li waqt li l-appellant nghatat kull inkoraggament mill-Kumpanija biex timxi l-quddiem hi ma urietx r-risponsabbilta mistennija minn impjegata f'post bhal spizerija. Il-Kumpanija hafritilha nuqqas serju precedenti

meta ma marretx ghax-xoghol minghajr ma avzat u kienet lesta ukoll li tikkonsidra li terga' timpjegha f'dan il- kaz. Huwa fatt ukoll li l-kliem li uzat mac-"Chief Executive" biex tiggustifika l-assenza mix-xoghol ma kienux felici.

It-Tribunal jidirlu ukoll li meta l-appellant kienet talbet "vacation leave" li l-Kumpanija ma setghetx ittiha u mbaghat harget bis-"sick leave" aktar kellha toqghod attenta biex tosserva l-proceduri u li tkun prudenti fl-atteggament taghha mac-"Chief Executive".

It-Tribunal ihoss li t-tkeccija kienet kawzata minn nuqqas ta' prudenza u ta' osservanza ta proceduri stabbiliti, minn naha ta' l-appellant, kif ukoll ta' attitudni nkorretta fil-konfront tac-"Chief Executive".

It-Tribunal jikkonkludi li l-appellant ma ppruvatx li t-tkeccija kienet ingusta.

Ghalhekk ~~jichad~~ it-talba ta' l-appellant.

B'hekk itemm din it-tilwima tax-xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju